MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2129/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Connie Teffahi**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm220.55c (mitejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) rapprezentanti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9926 4230.

Il-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont

pretiz fl-Avviz tat-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Nadia Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------